*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,824, 4 ta' Ottubru, 2005*
*Taqsima B*

**A.L. 327 ta' l-2005**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
## (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Supplementi għall-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Supplementi għall-Ikel, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Supplementi għall-Ikel, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu.

A.L. 239 ta' l-2003.

**2.** Minflok ir-regolament 5.5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"5.5 Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 5.8, supplementi għall-ikel li jipprovdu għajn ta' xi nutrienti f'livell li jaqbeż l-ogħla livell massimu stabbilit għal dak in-nutrient mit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jinbiegħu biss f'Malta jekk dawn jiġu qabel approvati mill-Kummissjoni għas-Sigurà ta' l-Ikel.

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel għandha partikolarment tqis il-preżentazzjoni tal-prodott, it-tikkettjar, struzzjonijiet għall użu, kif ukoll kull indikazzjoni jew informazzjoni oħra provduti mill-manifattur.

Il-Kummissjoni għas-Sigurtà ta' l-Ikel tista' wkoll tqiegħed fis-suq dawk is-supplementi għall-ikel bla ħsara għal kundizzjoni li tqis adatta biex tiżgura s-sigurtà tas-saħħa pubblika.".

**3.** Minflok ir-regolament 7.4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

Jemenda regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

"7.4. Il-valuri dikjarati msemmija fir-regolamenti 7.1 u 7.2 għandhom ikunu valuri medji bażati fuq l-analiżi tal-prodott magħmula mill-manifattur.".

**L.N. 327 of 2005**

## FOOD SAFETY ACT
## (CAP. 449)

### Food Supplements (Amendment) Regulations, 2005

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Food Supplements (Amendment) Regulations, 2005, and these regulations shall be read and construed as one with the Food Supplements Regulations, 2003, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation. L.N. 239 of 2003.

**2.** For regulation 5.5 of the principal regulations there shall be substituted the following:- Amends regulation 5 of the principal regulations.

"5.5. Subject to the provisions of regulation 5.8, food supplements providing a source of any nutrient at a level in excess of the maximum upper level as may be established for that nutrient by the Third Schedule to these regulations may only be sold in Malta subject to a prior approval by the Food Safety Commission.

The Food Safety Commission shall take into account, in particular, the product's presentation, its labelling, any instructions for its use, as well as any other indication or information provided by the manufacturer.

The Food Safety Commission may also make the marketing of such food supplements subject to any conditions it deems appropriate for the purposes of safeguarding public health.".

**3.** For regulation 7.4 of the principal regulations there shall be substituted the following:- Amends regulation 7 of the principal regulations.

"7.4. The declared values mentioned in regulations 7.1 and 7.2 shall be average values based on the manufacturer's analysis of the product.".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8ċ – *Price 8c*